MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Numru. 361/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Cachia**
**vs**
**Roderick Schembri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Roderick Schembri bin Julian u Jane nee' Attard, imwieled fis-17 ta' Settembru 1983 u residenti 34, Bondina, Triq il-Hsad, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita' numru 488483(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-23 ta' Novembru 2008, ghall-habta ta' 5.15am, fi Triq is-Siggiewi, Zebbug saq vettura Nru. IAV 875, 1) a) b' manjiera traskurata, b) perikoluza c) bla kont, 2) u aktar talli b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura MSX 469, u involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi per durata

fuq il-persuna ta’ Nicholas Micallef, skond ma ccertifika Dr. J. Zammit (reg.no. 3054) mill-isptar Mater Dei.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta’ Ottubru 2009 (esebit *a folio* 26 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta’ Ottubru, 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident stradali li sehh fit-23 ta’ Novembru 2008 ghall-habta tal-5.15am fi Triq is-Siggiewi, Zebbug fejn waqt li l-imputat Roderick Schembri kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAV 875 habat ma vettura bin-numru tar-registrazzjoni MSX 469 misjuqa minn Nicholas Micallef fejn dan tal-ahhar sofra griehi ta’ natura gravi per durata bhala konsegwenza tal-istess incident. Mill-provi rrizulta li l-vettura misjuqa minn Nicholas Micallef kienet gejja mid-direzzjoni ta Haz-Zebbug sejra lejn Hal-Qormi filwaqt li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Mill-provi rrizulta wkoll li Nicholas Micallef sofra griehi ta’ natura gravi per durata stante li mix-xhieda tal-konsulent ortopediku li kien u ghadu qed jikkura lill-imsemmi Micallef, Ivan Esposito, (xhieda relattiva inserita a fol. 46 tal-process) jidher li l-imsemmi Micallef kellu fractured dislocation of the right hip u fractured pelvis u li ghad irid isirlu intervent kirurgiku iehor minhabba l-ksur fil-pelvis u jrid isirlu wkoll hip replacement u reconstruction tal-pelvis.

Ikkunsidrat:

Illi l-kollizzjoni in dizamina kienet head on collision fejn l-imputat waqt li beda' manuvra ta' sorpass ta' vann li kien hemm quddiemu qabez parzjalment il-linja medjana tat-triq sabiex b'hekk habat fil-vettura misjuqa minn Micallef li kien gej mid-direzzjoni opposta. Id-Difiza tikkontendi li l-incident sehh fuq il-linja medjana tat-triq u ghalhekk ma kienx hemm ebda sewqan perikoluz jew traskurat jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat. Il-Qorti min-naha l-ohra jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh unikament minhabba sewqan traskurat u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat. Mil-iskizz inserit a fol. 37 tal-process jirrizulta li hemm debris kemm fuq il-linja medjana tat-triq kif ukoll aktar 'il barra mill-istess linja medjana  u cioe' fuq il-karreggjata li kien qed jipprocedi fiha Micallef. Mill-okkorrenza mhejjija mis-Surgent li nvestiga l-kaz (inserita a fol, 32 sa 35 tal-process jirrizulta li a tempo vergine l-imputat ammetta li kien qed jaghmel manuvra ta' sorpass u li qabez il-linja medjana tat-triq. Dan jirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-11 ta' Ottubru 2009 (inserita a fol. 24 u 25 tal-atti processwali) fejn l-imputat ammetta li meta huwa beda jaqbez il-vann li kien hemm quddiemu sporga l-barra mill-linja medjana tat-triq u gie xi ftit fuq il-karreggjata ta' vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Huwa qal ukoll li s-sewwieq l-iehor, u cioe' Micallef, ma kienx qed jissorpassa xi vettura ohra. Mill-provi ghalhekk irrizulta li l-imputat ittenta jibda manuvra ta' sorpass fejn qabez parzjalment il-linja medjana tat-triq u dan meta kellu vann quddiemu, u cioe' l-vann li kien ser jissorpassa, li kien qed jghattilu l-vizwali ta' vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Hija regola bazika tas-sewqan li sewwieq qatt ma ghandu jittenta jaghmel manuvra ta' sorpass qabel ma jaccerta ruhu li mhux ser jikreja periklu jew ostakolu lil utenti ohra tat-triq. F'dan il-kaz l-imputat mhux talli qabez parzjalment il-linja medjana tat-triq sabiex jibda jeffetwa il-manuvra ta' sorpass, haga li fiha nnifisha tammonta ghal ksur tar-regolamenti tat-traffiku, izda ghamel dan meta ma setghax

jara x’vetturi kienu gejjin mid-direzzjoni opposta. Dan l-agir da parti tal-imputat indubjament jammonta ghal sewqan traskurat u ghal nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li s-sewwieq l-iehor kien qed isuq vicin hafna tal-linja medjana tat-triq ghalkemm fl-ebda stadju ma qabez l-istess linja medjana tat-triq u l-anqas ma kien qed jeffetwa manuvra ta’ sorpass kif kien qed jaghmel l-imputat, u jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena pekunjarja u mhux piena ta’ prigunerija.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 30 u 226(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Mlalta kif ukoll l-Artikolu 15 (1)(a) u (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ elf u hames mitt (€1,500) Ewro u tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahrejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------